## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 276/2022: **I.V PORTELLI & SONS LTD (C7176) V. MAIN STORE FOODS LIMITED (C93592)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' I.V Portelli & Sons Ltd (C7176)[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir -rikorrenti") ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talbet lil Main Store Foods Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti li tħallasha s-somma ta' ħamest elef tlett mija disa' u tmenin euro u sbatax-il ċenteżmu (€ 5,389.17) bħala somma ċerta, likwida u dovuta rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti mibjugħa / servizzi reżi lilha fuq inkarigu tagħha stess, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 706/2022 u bl-imgħax legali,

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2023[2] li permezz tagħha kkontestat il-kawża,

wara li rat li fl-ewwel seduta tal-kawża ossia fid-9 ta' Ottubru 2023[3] l-avukat tal-intimata, fil-presenza tad-direttur tagħha stess, iddikjarat li l-intimata kienet qed tammetti t-talbiet tar-rikorrenti mingħajr ebda kundizzjoni,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 1
[2] Fol 6-7
[3] Fol 17

## Sentenza

1. Kif ingħad, fl-ewwel seduta tal-kawża, l-avukat tal-intimat fil-presenza tad-direttur tagħha stess, iddikjarat li l-intimata kienet qed tammetti t-talbiet tar-rikorrenti.

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas ġiet magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħamest elef tlett mija disa' u tmenin euro u sbatax-il ċenteżmu (€ 5,389.17) bħala somma ċerta, likwida u dovuta rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti mibjugħa / servizzi reżi lilha fuq inkarigu tagħha stess u tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub. Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal- kumpanija intimata.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |